MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2007

Appell Civili Numru. 171/2004/1

**Gutenberg Press Limited**

**vs**

**Mario Camilleri ezercitanti l-kummerc taht l-isem "Light Sound Vision"**

**Il-Qorti,**

Fid-19 ta' Dicembru, 2006, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fit-30 ta' Marzu, 2004 fejn talbet lil din il-Qorti ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas, in linea ta' danni, s-somma ta' elf, hames mija u disgha u erbghin lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm1,549.59) rapprezentanti ammont addizzjonali

illi s-socjeta' attrici kellha tinkorri sabiex tottjeni l-prodott, ossia lampi illi l-konvenut kien biegh lis-socjeta' attrici izda illi huwa naqas illi jikkonsenja fit-terminu prefiss fil-"client confirmation order" (Dok. A) imhejji minnu stess. Nonostante illi gie nterpellat sabiex jikkonsenja l-prodott mibjugh u sussegwentement sabiex ihallas is-somma fuq indikata (Dok. B – Dok. F) huwa baqa' inadempjenti.

Is-socjeta' attrici qed titlob illi jkun ikkundannat jirrifondi cekk fl-ammont ta' hames mija, tlieta u disghin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm593.42) illi hija kienet hallsitu bhala depozitu fuq l-ordni u f'kaz illi dan issarraf jew jissarraf, jirrifondi din is-somma lis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju li gie pprezentat kontestwalment ma' l-avviz ghas-smiegh u bl-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tal-prezentata ta' l-avviz sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Mario Camilleri fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenut m'huwiex il-legittimu kontradittur stante illi m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika personalment tas-socjeta' attrici, izda kull darba li kkomunika mas-socjeta' attrici ghamel dan bhala direttur ta' l-ITC Ltd, li hija s-socjeta' ITC Ltd li tuza bhala trade name Light Sound Vision u mhux l-konvenut personalment;
2. illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut ma kkawza l-ebda danni lis-socjeta' attrici stante illi ta' l-ahhar hallset il-prezz gust tal-prodotti li riedet, u kuntrarjament din l-azzjoni saret in male fede stante illi dan hu tentattiv sabiex is-socjeta' attrici tiehu vantagg ta' zball li sar meta gie kkwotat prezz hazin lilha. Meta l-

konvenut induna b'dan l-izball, hu informa lis-socjeta' attrici b'dan l-izball genwin, offra li jikkancella l-ordni jew ibiegh l-oggetti b'discount, izda certament mhux il-prezz zbaljat;

3. illi l-Artikolu 1347 tal-Kodici Civili jistabilixxi li l-bejgh isir meta jkun hemm ftehim li l-oggett u l-prezz jigu mifthiema bejn iz-zewg partijiet, izda hemm prezunzjoni li ma jkun hemm l-ebda zball la fl-oggett u l-anqas fil-prezz u meta jkun hemm zball b'hekk il-bejgh ma jsehhx;
4. illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat minhabba zball a tenur ta' l-Artikolu 975 u 976 tal-Kodici Civili;
5. salvi Eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda talba tas-socjeta' attrici illi l-konvenut jirrifondi l-flus zejda li s-socjeta' hallset meta kienet kostretta tixtri ammont ta' lampi kompjuterizzati u sofistikati minn azjenda ohra wara li l-konvenut kien naqas li jikkonsenja l-lampi li s-socjeta' attrici kienet ordnat, u hallset depozitu, minghandu.

Qabel ma l-Qorti tghaddi biex tikkonsidra l-meritu, trid tiddisponi mill-ewwel eccezzjoni tal-konvenut illi jghid illi ma kienx il-legittimu kontradittur, dan il-ghaliex huwa dejjem innegozja taht isem is-socjeta' ITC Ltd. u mhux kif gie ccitat fl-avviz.

Ikkonsidrat:

Il-konvenut Mario Camilleri xehed illi huwa direttur tas-socjeta' ITC Ltd., pero' huwa jinnegozja wkoll taht l-isem Light Sound & Vision, li hija parti mill-ITC group.

Il-Qorti rat id-dokumenti illi hemm fl-atti u dawn kollha jirreferu ghal-Light Sound & Vision. Filwaqt illi huwa minnu li tezisti s-socjeta’ ITC Ltd., li taghha l-konvenut huwa direttur, pero’ huwa jopera wkoll taht l-isem Light Sound & Vision u hija taht din l-ahhar nomenklatura illi huwa baghat ghall-konferma ta’ l-ordni mamghula mis-socjeta’ attrici, liema konferma tinsab a fol, 2 tal-process. Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha li l-konvenut gie citat korrettament, anki fejn jirrigwarda lilu personalment. Hawhekk, taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet Mirabelle Distributors Limited vs Emanuel Zammit, deciza mill-Qorti ta’ l-Appell sede Inferjuri fis-16 ta’ Dicembru 2002 fejn il-Qorti qalet illi saru frekwenti l-kawza fejn persuna azzjonata ghall-hlas tinheba wara l-ecezzjoni illi ma kienx il-legittimu kontradittur. Kif gie osservat, “Certi kazijiet huma ovvji, ohrajn huma mhux daqshekk ovvji, fejn hemm dubju pero’ wiehed kellu jipprezumi li persuna li qeda tikkuntratta kienet hekk qeda taghmel f’isimha proprio.” [Lawrence Formosa Et Noe vs Sivio Felice Appell 6 ta’ Ottubru, 1999]

Il-Qorti wisq tissuspetta li din l-eccezzjoni saret sabiex il-konvenut jipprova jsib xi skuza u jinheba wara d-dell ta’ kumpanija b’risponsabbilita’ limitata. Pero’, tenut kont id-dokumenti illi hemm esebiti fl-atti, il-Qorti hija tal-fehma illi fin-negozjati tieghu mas-socjeta’ attrici, il-konvenut ma kienx car taht liema kumpanija jew kappa kien qieghed jinnegozja. Allura fl-isfond tat-taghlim fuq imsemmi, kif ukoll il-gurisprudenza kkwotata mill-istess socjeta’ attrici fin-Nota ta’ l-Osservazzjonijiet taghha, il-Qorti ssib illi din l-ewwel eccezzjoni m’ghandhiex fondament u timmerita illi tkun michuda.

Ikkunsidrat:

Ghal dak illi jirrigwarda l-meritu, irrizulta mill-provi li xi zmien qabel Awissu, 2003, is-socjeta’ attrici

thajjret tinstalla sistema ta' dawl sofistikat u kompjuterizza ghall-istabbiliment taghha maghruf bhala "Gutenberg Press". Is-socjeta' attrici qabbdet lill-Inginiera Camilleri & Cuschieri sabiex huma jippreparaw *tender* fejn min kien fin-negozju seta' jikkompeti ghall-ahjar prezz ghall-installazzjoni tas-sistema rikjesta.

Irrizulta illi l-konvenut taht l-isem Light Sound & Vision tefa' offerta illi kienet l-irhas u tenut kont il-kwalita' tax-xoghol illi kien ser jigi nstallat l-Inginiera Camilleri & Cuschieri irrakomandaw lis-socjeta' attrici illi huma jaccettaw l-offerta tal-konvenut. Hekk sar, u l-ordni gie konfermata permezz tad-dokument a fol. 2 tal-process bid-data ta' l-4 ta' Awissu 2003. Ma' dan id-dokument intbaghat ukoll cekk ta' depozitu kif mitlub fil-*client confirmation order* fuq imsemmija.

Jidher illi l-konvenut jew is-socjeta' tieghu ma hadux azzjoni mmedjata u din l-ordni baqghet ghandhom minghjar reklam. Fil-15 ta' Awissu, 2003 il-konvenut u s-socjeta' tieghu kellhom ix-*shut down*, li dam sal-25 ta' Awissu 2003. Kien hawnhekk, illi jidher li ndunaw b'xi zball fil-kwotazzjonijiet taghhom, u b'ittra datata 26 ta' Awissu 2003, [fol. 34], il-konvenut informa lis-socjeta' attrici illi kien qed jirtira l-offerta minhabba virus fil-kompjuter illi ma ndikax sew il-prezz ta' l-oggett illi kien mifthiem. Fix-xhieda rrizulta illi ma kien virus xejn, izda kien zball illi ttiehed mill-amministrazzjoni tas-socjeta' ta' Mario Camilleri.

Irrizulta illi originarjament illi l-prezzijiet kienu qeghdin jigu kkwotati fil-munita Euro, izda l-fabrika minfejn kienu ser jimportaw il-lampi irriferithom ghall-fabrika taghhom stess l-Italja, illi kkotat il-prezz f'liri Maltin. Meta l-iskrivana rat dan il-prezz, hasbet illi dawn kienu Euros, u kkonverithom darb'ohra f'denominazzjoni Maltija, b'tali mod illi l-prezz gie ndikat bin-nofs. Kien ghalhekk li l-konvenut permezz ta' l-ittra tas-26 ta' Awissu,

2003 informa lis-socjeta' attrici illi ma kienx sejjer jissokta bil-bejgh bil-prezz originarjament mifthiem.

Is-socjeta' attrici rrifjutat li taccetta din l-iskuza u nsistiet li l-bejgh gie konkjus, u l-konvenut kellu jonora l-obbligazzjoni tieghu u jikkonsenja l-merkanzija bil-prezz offrut minnu u accetat mis-socjeta' attrici.

Ikkunsidrat:

Illi fl-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut qieghed jghid illi l-Artikolu 1347 tal-Kodici Civili li jirregola l-bejgh, jipprezumi li ma jkunx hemm zball, u fi kwalunkwe kaz, il-kunsens tieghu ghall-bejgh ta' l-oggett bil-prezz minnu ndikat kien vizzjat minhabba dan l-izball.

Bir-rispett, il-Qorti ma jidhrilhiex illi stante dawn ic-cirkostanzi l-konvenut jista' jecepixxi dawn l-ostakoli. Jibda biex jinghad, u dan jidher li huwa pacifiku bejn il-partijiet, illi l-artikolu 1347 tal-Kodici Civili jippreskrivi illi bejgh ikun konkluz bejn il-partijiet fil-mument illi l-oggett tal-bejgh ikun identifikat u l-prezz mifthiem u ma hemmx ghalfejn illi issir il-konsenja u l-hlas dak il-hin. Il-ligi la tipprezumi zball u lanqas tikkwalifika l-artikolu, tipprezumi anzi li l-partijiet ikunu agixxew in *buona fede*, ikunu raw l-affarijiet taghhom bhala *bonus pater familias* u darba jkunu ftehmu fuq l-oggett li jkun identifikat, allura f'dan il-kaz il-bejgh ikun sar.

Jekk il-konvenut jidhirlu illi huwa ha zball, liema zball seta' jaffettwa negativament l-interessi tieghu, allura kien fid-dover illi jistitwixxi kawza *ad hoc* sabiex jannulla l-bejgh. Pero', ghal fini ta' l-argument, il-Qorti lesta biex tikkonsidra l-eccezzjoni tal-vizzju tal-kunsens kif qajjem l-istess konvenut fl-ahhar eccezzjoni tieghu.

Ikkunsidrat:

Kif tajjeb osservat is-socjeta' attrici fin-Nota ta' l-Osservazzjoni taghha, biex zball ikollu xi effett fuq il-kunsens irid ikun wiehed sostanzjali (Vol. XXIX P 1 p 591). Il-gurista Giorgi (Teoria Delle Obbligazione – Vol. IV para 51) jghallem illi, "Il criterio sottinteso del legislatore sul sinificato della parola sostanza e' interamente subiettivo; vale a dire un criterio tutto relattivo al modo con cui veniva considerato l'oggetto della convenzione dell contratto che si e' ingannato." L-istess Giorgi jikkwalifika l-kelma sostanza meta fix-xoghol fuq imsemmi [pagni 94/95 para. 68] jghid, "Non si dimentici poi che l errore, sia di fatto, sia di legge, cade sulla sostanza, cade sulla persona, dev essere scusabile. Per convincersi della necessita' di questo requisito, affinnche l'errore renda invalido il contratto, basta ricorre ai piu semplici principi di equita' naturale …"

Dan it-taghlim jidher illi gie segwit mill-Qrati taghna. Tant hu hekk illi fil-kawza <u>Raniero German vs Michele Grech</u> ( Vol. XXX P 2 p 137) inghad, "Biex zball igib mieghu n-nullita' ta' trattazzjoni hemm bzonn illi jkunu jaqa' fuq is-sustanza tal-kuntratt, barra minn dan irid ikun zball skuzabbli."

Il-gurista Laurent (Vol. XV p 455) huwa aktar specifiku meta jikkwota l-gurista l-iehor Potier. "Potier ci dira anche cio che bisogna intendere per errore sulla sostanza della cosa l'errore annulla la convenzione, egli dice, quando cade sulla qualita' della cosa che le parti hanno avuto principalmente di mira e che forma la sostanza di questa cosa. L'errore sulla sostanza e' dunque un errore sulla qualita', ma non ogni errore sulla qualita' e' sostanziale; bisogna che esso cada su di una qualita' principale ed e' l'intenzione delle parti quello che deve decidere se una qualita' e' o no principale; bisogna vedere quello che hanno avuto di mira le parti contraenti. E' il caso di applicare il

principio di Donat; le parti non avrebbe contrattato se avessero saputo che la cosa non aveva quella qualita' che esse le supponevano …"

Dan it-taghlim, quindi, jfisser li biex l-izball fuq l-oggett jista jaffettwa l-kunsens tal-kontraenti, allura f'dan il-kaz irid ikun sostanzjali, skuzabbli u jaqa' fuq in-natura ta' l-oggett innifsu. F'dan il-kaz, gara illi ma hemm l-ebda disputa bejn il-partijiet dwar il-kwalita' ta' l-oggett in vendita'. Is-socjeta' attrici tablet illi tixtri minghand il-konvenut kwalita' specifika ta' dawl u l-konvenut ipprovda din il-kwalita' kif rikjesta mis-socjeta' attrici li accettat l-oggett fil-kwalita' offrut.

Il-kontroversja bejnithom tirrigwarda l-prezz fejn il-konvenut qieghed jecepixxi zball sostanzjali meta huwa kkwota prezz flok iehor. Il-Qorti jidhrilha li r-raguni migjuba mill-konvenut, bhala skuza ghaliex offra prezz baxx iktar milli suppost, mhijiex wahda skuzabbli fit-termini tal-gurisprudenza fuq imsemmija.

Jidher illi l-konvenut ilu f'dan in-negozju zmien twil u ghandu taht idejh diversi dipartimenti u impjegati biex jistghu jmexxu l-azjeda tieghu b'mod efficjenti. Jidher ukoll illi din kienet l-ewwel darba illi ntroducew din il-kwalita' ta' dawl fis-suq Malti fejn allura l-Qorti kienet tippretendi illi l-konvenut juza diligenza aktar minn *bonus pater familias*, sabiex jassigura illi huwa ser jikkwota prezz tajjeb ta' l-oggett li kien qed joffri.

Hawnhekk, il-konvenut halla f'idejn skrivana sabiex hi tinterpreta l-prezz li gie mibghut lilhom mill-esteru. U mhux hekk biss, izda hallew zmien twil ta' kwazi xahar, sakemm indunaw bl-izball.

L-accettazzjoni tas-socjeta' attrici iggib id-data ta' l-4 ta' Awissu 2003, izda kien biss fis-26 ta' Awissu 2003 li l-konvenut kiteb lis-socjeta' attrici biex jinfurmha li hu kien ha zball meta kkwota l-

prezzijiet. Dan kien zball illi facilment seta' jigi evitat kieku kien hemm nies ta' certa hila li setghu jidentifikaw mall-ewwel il-prezz offrut mill-esteru ghall-oggett mibjugh.

Adrian Figallo, a fol. 54, jghid illi fi zmien it-transazzjoni kienu qeghdin fix-*shut down* u c-cekk u l-*confirmation order* sabuhom fid-19 ta' Awissu 2003 meta kienu bix-*shut down*.

Il-Qorti ssib din ix-xhieda difficli biex titwemmen, meta l-ordni ta' konferma iggib id-data ta' l-4 ta' Awissu 2003. il-konvenut jirrikonoxxi s-serjeta tan-negozju illi ghamel mas-socjeta' attrici meta hu stess jghid a fol. 58, illi ma nfurmax mall-ewwel lis-socjeta' attrici bl-izball illi kienu hadu u dan ghaliex kien, "… apparat sofistikat u specjalizzat hafna, mhux apparat li jinbiegh kuljum u ghalhekk kien importanti illi meta vverifikajna sew l-affarijiet ahna nghaddu l-vera prezz lis-socjeta' attrici."

Bir-rispett, il-Qorti jidhrilha, illi l-konvenut messu vverifika sew l-affarijiet qabel ma offra l-prezz lis-socjeta' attrici u mhux wara. U ghalhekk, il-Qorti ssib illi l-izball illi gie mehud mill-konvenut jew l-impjegati tieghu ma kienx wiehed skuzabbli, u dan apparti l-fatt li l-izball illi ha ma kienx jimporta l-kwalita' ta' l-oggett mifthiem u ghalhekk, ma jistax issa jecepixxi li l-kunsens tieghu kien vizzjat fl-isfond ta' l-artikoli kkwotati minnu fl-eccezzjonijiet tieghu.

Il-Qorti ghalhekk jidhrilha, illi l-mument illi s-socjeta' attrici accettat l-offerta tal-konvenut ta' l-oggett debitament identifikat, il-bejgh kien legalment konkjus u ma jistax issa l-konvenut jahrab minn dan in-negozju billi jecepixxi zball illi legalment kien jahti hu biss, bhal ma jghid il-Latin "caveat venditor" u l-konvenut issa jrid jerfa' r-responsabbilta' ta' dan l-izball.

Ikkunsidrat:

Irrizulta wkoll mill-provi illi s-socjeta' attrici kellha tinkorri l-ammont indikat fl-avviz meta xtrat l-istess oggetti minghand socjeta' ohra bi prezz ghola. Dan kien jintitolha quindi, illi tigbor l-istess ammont minghand il-konvenut bhala danni ghall-inadempjenza ta' l-obbligazzjonijiet kuntrattwali tieghu.

Mill-bqija, il-Qorti taghmel ukoll referenza ghall-gurisprudenza kkwotata mis-socjeta' attrici fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet taghha.

Ghal-dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut, fil-kwalita' tieghu premessa, illi jhallas lill-istess socjeta'  in linea ta' danni, s-somma ta' elf, hames mija u disgha u erbghin lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm1,549.59) rapprezentanti ammont addizzjonali illi s-socjeta' attrici kellha tinkorri sabiex tottjeni l-prodott,  ossia lampi illi l-konvenut kien biegh lis-socjeta' attrici izda illi huwa naqas illi jikkonsenja fit-terminu prefiss fil-"client confirmation order" imhejji minnu stess. Apparti dan, tordna lill-konvenut jirritorna c-cekk fl-ammont ta' hames mija, tlieta u disghin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm593.42) illi s-socjeta' attrici kienet hallset bhala depozitu fuq l-ordni u f'kaz illi dan issarraf, jirrifondi din is-somma lis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz, kontra l-konvenut.**"**

Huma tnejn l-obbjezzjonijiet sottomessi lill-Qorti mill-konvenut fil-kontestazzjoni tas-sentenza tal-Qorti ta' l-ewwel grad, u, precizament, illi:-

(1) L-ewwel Qorti naqset milli tevalwa l-eccezzjoni primarja tieghu illi hu mhux il-legittimu kontradittur di fronte ghall-pretensjoni tas-socjeta` attrici;

(2) L-ewwel Qorti naqset ukoll milli tapprezza illi l-bejgh konkjuz ma kienx perfett minhabba zball li, kif sottomess minnu, huwa ma kellux kontroll fuqu;

Il-fatti tal-kaz jinsabu sew esposti fis-sentenza appellata u mhux il-kaz li wiehed joqghod anke hawn jirriproducihom, hlief forsi biex jigi sottolinejat, ghall-importanza tieghu, il-fatt li hawn si tratta ta' bejgh konkjuz wara sejha ghall-offerti u l-accettazzjoni mis-socjeta` attrici ta' l-offerta lilha sottomessa mill-appellanti *nomine*;

Dan premess, bl-ewwel aggravju tieghu l-appellanti jilmenta illi hu, personalment, ma kellu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici appellata u, konsegwentement, ma kienx jikkwalifika bhala l-legittimu kontradittur. Fuq dan il-punt il-Qorti, kif presjeduta, gja kellha okkazjoni tikkummenta, sa recentement hafna, illi in linea ta' principju "b' relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem dak l-att jew pluralita` ta' atti konnessi li jimmiraw ghall-produzzjoni ta' effett guridiku fl-ambitu tad-drittijiet bejn zewg soggetti jew aktar. Tali att jew atti huma, imbaghad, ravvizabbli minn manifestazzjoni ta' volonta, ossija ta' dik l-imgieba li in bazi ghac-cirkustanzi li fih javvera t-traffiku guridiku twassal fid-destinatarju t-tifsira li l-parti trid tipproduci l-konsegwenzi guridici predetti" ("**Burmarrad Commercials Ltd -vs- Desmond Mizzi *et***", 28 ta' Frar, 2007);

F' konkordanza ma' l-ewwel Qorti din il-Qorti hi sodisfatta mill-kumpless tal-provi illi, fil-kaz prezenti, kien hemm din ir-relazzjoni negozjali bejn is-socjeta` attrici u l-konvenut. Hu ferm car mill-Confirmation Order (fol. 2) preparata u sottoskritta mill-konvenut illi din hi intestata taht it-*trade name* "Light Sound Vision". L-istess konvenut jikkonferma imbaghad li "din kienet l-ewwel darba li kellna negozju ma' Gutenberg taht l-isem ta' Light Sound and Vision" (fol. 39).

Huwa veru li hu jiddikjara wkoll illi qatt ma kkummercja personalment. Jekk dan huwa hekk kien messu anke fil-kontrattazzjoni mas-socjeta` attrici attira l-attenzjoni ta' din, u fil-mument opportun, illi hu ma kienx qieghed jagixxi ghan-nom tieghu personali izda f' isem kumpanija terza ben identifikata. Fi kliem tas-sentenza "**John Vella *nomine* -vs- Anthony Vella *et***", Appell, 3 ta' Dicembru 1999, "kellu jassigura li dan il-fatt ikun gie sewwa a konoxxenza tas-socjeta` attrici f' dak il-mument ghax altrimenti jkun qieghed jassumi personalment ir-responsabilita` ghan-negozju minnu kkuntrattat u ghall-obbligi li kien jimporta". Dan hu hekk in vista tal-presunzjoni *juris tantum* dettata mill-Artikolu 999 (1) tal-Kodici Civili illi "hadd ma jista' b' kuntratt f' ismu jobbliga ruhu jew jikkuntratta hlief ghalih innifsu". Jekk allura l-konvenut ma jissuperax bid-debita prova konvincenti din il-presunzjoni "ma jistax sussegwentement isostni li kien bhala fatt qed jikkontratta f' isem haddiehor jew f' isem xi entita guridika separata" ("**Joseph Chetcuti *nomine* -vs- Peter Paul Camilleri**", Appell Kummercjali, 4 ta' Dicembru, 1988). In bazi ghal dawn il-kunsiderazzjonijiet ta' fatt u ta' dritt l-appellanti ma jistax jippretendi illi kif imkarrek, huwa mhux il-legittimu kontradittur. L-ewwel aggravju qieghed ghaldaqstant jigi skartat;

Ghall-ezami tat-tieni aggravju hemm bzonn qabel xejn li jigu pprecizati dawn il-fatti:-

(1) Il-kumpanija attrici harget sejha ghall-*tenders* ghall-provvizjon lilha ta' *architectural lighting*. Fost il-bosta *tenderers* applikat ukoll Light Sound Vision li kkwotat il-prezzijiet taghha. Din il-proposta giet accettata, saret il-Confirmation Order u thallas id-depozitu inizzjali;

(2) Zmien wara, izda qabel gheluq id-data li fiha kellhom jigu kkonsenjati l-prodotti, il-konvenut *nomine* beda jallega li l-prezzijiet ikkwotati minnu kienu zbaljati minhabba li min kien inkarigat ghamel *conversion* errata. Ara ittra tieghu tas-26 ta' Awissu 2003 (fol. 34) ix-xhieda ta' l-istess konvenut a fol. 47 u dik ta' Adrian Figallo a fol. 54;

Mill-premess huma tlieta l-punti li fil-fehma tal-Qorti ghandhom jigu sottolinejati u, cjoe:

(1) Li saret proposta mill-konvenut bl-offerta minnu tal-fornitura tal-prodotti u ghall-prezzijiet specifici, ghal liema kontenut kien hemm l-adezjoni tas-socjeta` attrici bl-accettazzjoni taghha ta' l-istess proposti;

(2) Dawn iz-zewg atti negozjali - il-proposta u l-offerta - gew ri-uniti fil-konkluzjoni tal-kuntratt permezz tal-Confirmation Order;

(3) Il-prezzijiet kienu noti, accettati u kkonfermati fl-istess dokument ghal liema l-partijiet issottoskrivew;

Hi kemm ligi (Artikolu 1347, Kodici Civili) kif ukoll gurisprudenza ("**Reno Gatt -vs- Joseph Cost Chritien *et***", Appell Kummercjali, 15 ta' Mejju 1964) illi "biex ikun hemm bejgh skond il-ligi jehtieg illi l-prezz jigi stabbilit u specifikat mill-partijiet". Jista' l-prezz jigi mholli ghad-decizjoni ta' persuna wahda jew izjed specifikati mill-partijiet jew ghad-decizjoni ta' espert jew esperti mhux hekk specifikati, u jista' wkoll isir bejgh bil-prezz tas-suq fiz-zmien determinat. Izda f' kull wahda minn dawn id-diversi ipotesijiet jinhtieg jirrizulta illi dak kien il-ftehim bejn il-partijiet." Fil-kaz prezenti m' hemmx dubju illi kien hemm ftehim fuq il-prezzijiet u li dawn kienu certi, stabbiliti u specifikati mill-partijiet. B' danakollu, l-appellanti jikkwestjoni l-perfezzjonament tal-kuntratt billi javvanza l-proposizzjoni illi minhabba l-izball fuq imfisser il-prezzijiet ikkwotati ma kienux serji ghax ma jikkorrispondux mal-veru valur tal-prodotti venduti;

Ghal din il-Qorti din il-proposizzjoni mhix kondiviza ghal konsiderazzjonijiet li jsegwu:-

(1) Ibda biex jekk hemm bzonn jigi ripetut, il-prezzijiet kienu determinati u ben maghrufa fil-mument ta' l-offerta u ta' l-accettazzjoni taghha;

(2) Hu notorju illi f' kaz fejn diversi fornituri jkunu qed jikkompetu ma' xulxin dawn jikkwotaw il-prezzijiet li jkunu l-aktar vantaggjuzi ghalihom ghal konsiderazzjoni favorevoli ta' l-offerta minnhom pjazzata. Dan kif sew rilevat mill-Inginjier Jonathan Bonnett fid-deposizzjoni tieghu (fol. 26);

(3) Anke jekk prezz ikkwotat ikun wiehed, ukoll notevolment inferjuri ghall-prezz fis-suq ta' l-oggett vendut, izda mhux priv ghal kollox minn valur intrinsiku, il-kuntratt ma jistax jitqies wiehed imperfett. Mill-indikazzjonijiet kontenuti fil-kuntratt hu dezumibbli illi ghas-socjeta` attrici dawk kienu l-prezzijiet gusti accettabbli li nducewha taccetta l-offerta tal-konvenut minn fost il-konkorrenza ta' offerti ohra;

(4) La darba accettati, dawk il-prezzijiet ma jistghux jinbidlu bir-rieda unilaterali ta' wahda mill-partijiet biss ghax din tkun qed tippretendi li dawn ma humiex gusti. Kif issokta jinghad fis-sentenza fl-ismijiet "**Edgar Soler *nomine et* -vs- Onor. Beltram Camilleri *nomine***", Prim' Awla, Qorti Civili, 18 ta' Marzu 1950, "biex jitbiddel il-prezz tal-bejgh, jew il-kondizzjonijiet tal-ftehim, jehtieg li jkun hemm l-accettazzjoni taz-zewg partijiet";

(5) Korrettement, imbaghad, irragonat l-ewwel Qorti illi l-izball allegat ma setax jitqies bhala wiehed sostanzjali u skuzabbli li jinficja l-kunsens. Gie ritenut dwar l-element sostanzjali illi ankorke l-izball ikun ta' natura soggettiva li kapaci tikkondizzjona l-kunsens, dan "ma jikkostitwix dak l-izball oggettivizzat li jirrigwarda s-sustanza, l-identita` preciza, il-kwalita` intrinsika ta' l-oggett, li huwa l-izball li l-ligi tirrikonoxxi bhala l-element li effettivament jannulla l-kunsens mehtieg ghall-validita` ta' kull kuntratt." ("**Spiridione Cauchi -vs- Amalia Borg *et***", Appell, 11 ta' Gunju 1992). Issokta jinghad f' din l-istess decizjoni illi ghalhekk il-Kodici Civili ma jikkoncedix ghall-izbalji kommessi mill-parti li tivvantahom l-annullament tal-kunsens moghti biex sar il-kuntratt li hi tippretendi li timpunja. Kwantu ghat-tieni element jinghad "li ma huwiex zball skuzabbli dak li wiehed jaqa' fih meta l-fatti li ghalihom jirreferixxi dak l-izball kienu facilment

accertabbli" ("**Annunziata Busuttil -vs- Salvatore Busuttil**", Prim' Awla, Qorti Civili, 23 ta' Novembru 1966). "L-imprudenza u l-leggerezza tal-kontraenti mhix raguni ta' annullament ta' kuntratt" ("**Francis Penza -vs- John Mallia**", Appell, 6 ta' Mejju 1991);

Dawn il-kunsiderazzjonijiet ma jistghux hlief iwasslu biex din il-Qorti tqis infondat ukoll it-tieni aggravju.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza kontra l-konvenut appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------